Avviż Numru CCT 166/15-F

Silvan Domeniċi
Vs
Gordon's Moto Dealer Ltd.

Illum, ta' Frar, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Awissu, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta'elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Ewrò (€2329) rappreżentanti prezz ta' mutur *second hand* li wara li xtrah nduna li kellu diversi ħsarat.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata u nnota li l-intimat għamel kontro-talba fl-ammont ta' elf ħames mija sitta u disgħin Ewro (€1596) liema ammont ir-rikorrenti ma ħallasx, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara mutur u l-prezz kien ta' elf ħames mija sitta u disgħin Ewro (€1596), kif ukoll taħ mutur bħala tpartit jiġifieri l-prezz msemmi ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Ewro (€2329) hemm inklus fih dan l-mutur ukoll. Wara li xtara dan il-mutur *second hand* ir-rikorrenti nnota li kien fih diversi difetti li kienu moħbija u tant kien hemm problemi li ma setgħax jissewwa.

L-intimat issottometta li hu biegħ il-mutur *tale e kwale*, pero', it-Tribunal jinnota li meta mutur jkun *tale e kwale* ma jfissirx li jista' jbiegħu b'tant difetti moħbija. Minkejja li kien hemm pressjoni mir-rikorrenti biex jixtri dan il-mutur, l-intimat messu żvela kollox u nfurmah bil-problemi li għandu dan il-mutur.

**It- Tribunal jinnota:**

Stante li sar il-bejgħ u dan il-mutur jista jitranġa għandu jkun hemm skont fil-prezz

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li l-intimat jħallas l-ammont ta' Ewro (€550) bl-ispejjes kontra l-istess intimat u jiċħad it-talbiet fil-kontro-talba.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**